**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri]**

**vs**

**Raymond Psaila**

**Kumpilazzjoni Numru: 659/13**

**Illum, 6 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Psaila detentur tal-karta tal-identita` numru 237570M.

Akkuzat talli:

1. Fil-11 ta' Ottubru 2007, ghall-habta ta' bejn is-6.30 a.m. u 7:15 a.m., minn gewwa ir-residenza bl-isem ta' Farmhouse li tinstab gewwa Triq il-Kannizzata, Marsaskala, flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta' flus u armi, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-lok u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewuro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u li sar ghad-dannu ta' Salvu Azzopardi u/jew persuna/i ohra;
2. U aktar fil-11 ta' Ottubru 2007, ghall-habta ta' bejn is-6.30 a.m. u 7.15 a.m. gewwa Triq San Frangisk, Marsaskala u f'garaxx li jinsab fi Triq Vittoria Cassar, Marsaskala, flimkien ma' persuna jew persuni ohra mhux maghrufa kkommetta serq ta' wallet u cwievet liema serq hu kkwalifikat, bil-vjolenza li kienet diretta kontra persuna li kienet ghalqet l-eta` ta' sittin sena, u li sar ghad-dannu ta' Salvu Azzopardi u/jew persuna/i ohra;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-

setgha lill-provat li jarrestq lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Salvu Azzopardi kontra l-volonta` tieghu;
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont u volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Salvu Azzopardi minn Marsaskala skont kif iccertifika Dr Renzo Degabriele numru tar-registrazzjoni 2477 mic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid; u
5. Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-pesuna jew delitt ta' serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali datati erbgha (4) ta' Meju 2015, li bihom jahseb li ghandha tinstab htija taht is-segwenti artikoli tal-ligi:-

a. Artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 261 (b)(c)(e), 263, 267, 269, 276A, 278(3), 279(a), 280(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 261(a), 262, 276, 276A tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
d. Fl-artikolu 86, 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
e. Fl-artikoli 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
f. Fl-artikoli 214, 215, 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
g. Fl-artikoli 55(a), 56, 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
h. Fl-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti u z-zewg proces verbali pprezentati in atti (59/07 u 59/07A) kif ukoll it-trattazzjonijiet iskritti tal-partijiet;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serqa fir-residenza ta' persuna anzjana bl-isem "Farmhouse", Triq il-Kannizzata Marsascala nhar il-hdax (11)

ta’ Ottubru 2007 wara li dan l-anzjan u cioe` Salvu Azzopardi kien imtajjar minn karrozza misjuqa mill-hallelin bil-ghan li jissekwestrawh u jehdulu c-cwievet tad-dar sabiex hemm jisirqu minnha. Illi dan sar billi l-hallelin hadu l-anzjan gewwa garaxx f’Marsascala stess u rabtuh fejn hemmhekk hadulu c-cwievet tad-dar tieghu. Meta hu rnexxielu jillibera ruhhu u mar id-dar, il-hallelin kienu diga` marru hemm u hadulu kollox.

Illi din il-Qorti kellha c-cans tisma’ lill-anzjan Salvu Azzopardi bil-gurament fejn dan spjega kif dakinhar, il-malviventi kienu go karrozza sewda u fejn dawn tajjruh bil-karrozza u weggghuh fl-irkoppa u bl-iskuza li kienu ser johduh l-isptar, minflok haduh gewwa garaxx u rabtuh u telqu wara li dawn hadulu c-cwievet tad-dar tieghu. Huwa jghid illi dawn kienu tnejn u wiehed minnhom kellu sikkina li kien dahhalielu f’sebghu izda ma kienx f’posizzjoni li jaghraf lill hadd minnhom u l-anqas lill-imputat. Huwa jghid ukoll illi wara li telqu, huwa rnexxielu jinhall u mar dritt id-dar tieghu fejn hemmhekk sab kollox imqalleb u minn hemmhekk huwa sab neqsin xi elf (1000) Liri u *revolver* u zewg sentrijiet. Huwa kkonferma illi l-malviventi dahlu bic-cavetta u allura il-bieb ma kienx sgassat. Il-vittima Salvu Azzopardi kkonferma li qatt kien ra lill-imputat qabel u l-anqas qatt ma dahhlu fid-dar tieghu.

Illi din il-Qorti ezaminat bir-reqqa ir-rapporti esebiti fiz-zewg processi verbali esebiti in atti b’mod partikolari ir-rapporti tal-esperti forensici u dawk tal-espert

Joseph Mallia ai fini tal-marki tas-swaba u ta' komparazzjoni tal-istess mal-marki tas-swaba tal-imputat.

Illi l-esperti hadu zewg settijiet ta' marki tas-swaba; dawk fuq il-vettura li biha gie mtajjar il-vittma Salvu Azzopardi u cioe` vettura tal-ghamla Mercedes Benz sewda bin-numru ta' registrazzjoni ABG123 (esebiti 07 CDP 301/304 u 07 CDP 301a/304a) u dawk misjuba fir-residenza tal-vittma gewwa Marsascala (07 CDJ, 07 CDJ 301-304).

Illi l-espert Joseph Mallia ghalhekk gie mitlub sabiex jaghmel ezami ta' komparazzjoni bejn dawn iz-zewg settijiet ta' marki ta' swaba u dawk tal-imputat wara li l-ufficjal prosekutur l-Ispettur Fabian Fleri kellu nformazzjoni illi l-imputat Raymond Psaila kellu xi nvolviment fir-reat.

Illi mir-rapport tal-istess espert Joseph Mallia (Dokument JM – fol 23) jirrizulta illi il-komparazzjoni f'dak li jirrigwardja l-impronti li nstabu fuq il-karrozza Mercedez Benz hallew ezitu negattiv meta kkomparati mal-marki tas-swaba tal-imputat izda meta kkomparati ma' dawk il-marki tas-swaba elevati fir-residenza tal-vittma Salvu Azzopardi hallew ezitu pozittiv.

Illi f'dan ir-rapport jinghad hekk:

> *"illi l-esponent ghamel ezami komparattiv bejn l-impronta dokument 07 CDJ 301, u l-formola tal-impronti digitali ta' Raymond Psaila, detentur*

*tal-karta tal-identita' numru 237570(M) dokument JM1, bir-rizultat fin-negattiv; . . .*

***Illi l-esponent ghamel ezami komparattiv bejn l-impronta dokument 07 CDJ 302, u l-formola tal-impronti digitali ta' Raymond Psaila, detentur tal-karta tal-identita numru 237570 (M) dokument JM1, u rrizulta illi l-istess impronta taqbel u hija ghalhekk identika mal-marka tas-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Raymond Psaila;****(emfazi mizjuda). . .*

***Il-linji suwed juru erbatax (14) il-punt karatteristiku identiku u ko-ordinati ma' xulxin bejn l-ingrandiment tal-impronta dokument 07 CDJ 302 kif zviluppata permezz tal-black powder, u l-ingrandiment ta' parti mill-marka tas-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Raymond Psaila, detentur tal-karta tal-identita' numru 237570 (M), mehuda minn fuq formola tal-impronti digitali dokument JM1.*** *(emfazi mizjuda). . . .*

***It-tikek ta' lewn ahmar juru ghoxrin (20) punt karatteristiku identiku u ko-ordinati ma' xulxin bejn l-ingrandiment tal-impronta dokument 07 CDJ 302 kif zviluppata permezz tal-black powder, u l-ingrandiment ta' parti mill-marka tas-saba tac-curkett tal-id il-leminija ta' Raymond Psaila, detentur tal-karta tal-identita' numru 237570 (M), mehuda minn fuq formola tal-impronti digitali dokument JM1.*** *(emfazi mizjuda) . . .*

*Illi minn ezamijiet komparattivi ulterjuri li l-esponent ghamel fuq l-impronta dokument 07 CDJ 303 irrizulta, illi l-istess impronta hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni. . . .*

*Illi minn ezamijiet komparattivi ulterjuri li l-esponent ghamel fuq l-impronta dokument 07 CDJ 304 irrizulta, illi l-istess impronta hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni. . . .*

*Illi minn ezamijiet komparattivi ulterjuri li l-esponent ghamel fuq l-impronta dokument 07 CDP 301 irrizulta, illi l-istess impronta hija nieqsa mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni. . . "*

Illi ghaldaqstant l-espert ikkonkluda u rnexxielu jaghmel komparazzjoni u identifikazzjoni mal-marka tas-saba tac-curkett tal-id il-leminija tal-imputat

Raymond Psaila fuq id-dokument 07 CDJ 302, impronta li nstabet fir-residenza tal-vittma f'Marsascala (marki tas-swaba li nstabu u gew elevati minn fuq oggett li nstab fil-kcina.)

Illi f'dawn il-proceduri ghalhekk, kull ma hemm iwassal dan ir-reat mal-imputat huma l-marki tas-swaba identifikati fir-residenza tal-vittma. Ta' min jghid illi ma kienx hemm identifikazzjoni fuq il-vettura li biha l-malviventi tghajjru il-vittma.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tezamina il-gurisprudenza li biha titratta fuq evidenza bhal din u li tissejjah evidenza cirkostanzjali u jekk din wehidha hijiex bizzejjed sabiex tinstab kolpevolezza.

Fil-kawza bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *"L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi"*.

Fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wieħed (2001) intqal illi:

> *"l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet **Pulizija v James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgħa (2009) gie ddikjarat illi:

> *"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci".*

Illi guristi Inglizi bhal per ezempju **Pollock C.B** (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) dahal fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova cirkostanzjali u t-tifsira tal-univocita' u qal is-segwenti:

> *"It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of. . .".*

Illi mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-gudikant li jizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghal konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ippruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Fil-kaz in ezami ghandna sitwazzjoni fejn dan ir-reat sar f'zewg fazijiet, l-ewwel fazi u cioe` meta zewg malviventi injoti tghajjru u ssekwestraw lill-

vittma, u t-tieni fazi fejn dawn il-malviventi jew/u aktar dahlu bl-istess cavetta li kienu hadu minn fuq il-vittma u minn hemm serqu kontanti u tliet armi tan-nar.

Illi rrizulta illi minn fuq il-vettura ma stabu l-ebda marki li setghu jigu identifikati lill-imputat u ghalhekk din il-Qorti hija monka minn kull prova li twassal sabiex tkun konvinta legalment li l-imputat kellu xi involviment mal-ewwel parti tar-reat u dan meta il-vittma ma setax jidentifika il-persuna li kienu tghajjruh u rabtuh.

Illi ma jistax jinghad l-istess a rigward fit-tieni fazi tar-reat u cioe` dak tas-serqa minn gor-residenza tal-vittma Salvu Azzopardi ghaliex kif inghad aktar 'il fuq mir-rapport tal-espert Joseph Mallia, gew ikkomparati u identifikati marka tas-saba' tal-imputat (14 u 20 punt karatteristiku) minn fuq oggett li kien fil-kcina tal-vittma.

Illi dan kien imsahhah mill-fatt illi sija l-imputat kif ukoll l-istess Salvu Azzopardi kkonfermaw li qatt ma raw lil xulxin u wisq lanqas li l-imputat qatt dahal gor-residenza gewwa Marsascala tal-istess Azzopardi. Ghaldaqstant, bil-fors illi l-marki tas-swaba tal-imputat kienu saru meta kien qed jitwettaq ir-reat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 261 (b)(c)(e), 263, 267, 269, 276A, 278(3), 279(a), 280(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mhux qed issib lill-imputat Raymond Psaila hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba (4) u l-hames (5) akkuzi

stante li ma gewx ippruvati filwaqt li ssibu hati tal-ewwel (1) akkuza u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospizi ghal tliet (3) snin.

Inoltre, u ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti tordna il-hlas tal-ispejjez peritali naxxenti mill-atti tal-inkjesti tal-Magistrat Audrey Demicoli tat-tlettax (13) ta' Settembru 2013 li jammontaw ghal elf, mitejn u disgha u hamsin ewro u hamsa u hamsin centezmu (€1,259.55). Fin-nuqqas ta' hlas relattiv, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs skont il-ligi

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**